# JUNIOR LYCEUM ENTRANCE EXAMINATION 2000
# RELIGION

**Il-kandidati huma mħeġġa biex jiktbu pulit u mingħajr żbalji.**

**A Agħżel l-għaxar frażijiet tajbin li jgħidulna xi ħaġa dwar il-Knisja Kattolika.**

| | | |
|---|---|---|
| It-Tempju ta' Ġerusalemm, | Il-familja ta' Alla fid-dinja, | mibnija fuq l-Appostli, |
| waħda, | n-nies bla dnubiet, | l-Insara ta' Ruma, |
| qaddisa, | dawk li ħadu l-Magħmudija, | in-nies kwieti, |
| l-merħla ta' Ġesù, | Kattolika, | mwaqqfa minn Ġesù, |
| l-għaqda tal-qassisin, | l-isbaħ bini ta' kull raħal, | magħquda mal-Papa. |
| Ulied il-Lhud ta' żmien Ġesù, | in-nies li ġew minn Adam u Eva, | |
| appostolika, | il-foqra u l-morda tad-dinja, | |
| il-patrijiet, is-sorijiet u tal-MUSEUM. | | |



(10 marki)

**B Agħmel sinjal taħt il-kelma jew frażi li ma taqbilx u għid għaliex ma taqbilx:**

1. Il-Milied, il-Karnival, l-Għid, l-Imnarja, Santa Marija, il-Gimgħa l-Kbira.

2. Magħmudija, Qrar, Tqarbin, Griżma ta' l-Isqof, Tberik tad-djar

3. Il-Papa, l-Iben ta' Alla, Il-Messija, is-Salvatur, il-Mulej.

4. La Toqtolx, is-sagrament tal-morda, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx ħaġa b'oħra,

5. Il-Missier, l-Iben, l-Ispirtu s-Santu, il-Madonna.

(10 marki)

**Ċ Daħħal dan il-kliem fil-vojt ta' hawn taħt:**

| | | |
|---|---|---|
| li Ġesù jrid isir ħaġa waħda magħna. | qabel il-Milied. | tnejn u sebgħin ktieb. |
| nisimgħu qari mill-Bibbja. | qabel l-Għid. | tat-Trinità Qaddisa. |
| San Pietru. | fi tliet persuni. | l-aħbar it-tajba ta' Ġesù. |
| San Pawl. | | |

1. Aħna nemmnu li Alla hu wieħed __________________________________.
2. Fl-Evanġelju nsibu __________________________________________.
3. Ir-Randan hu żmien ta' ndiema __________________________________.
4. L-ewwel insara f'Malta tgħammdu minn ____________________________.
5. L-ewwel Kap tal-Knisja kien ____________________________________.
6. Fil-Bibbja nsibu ____________________________________________.
7. L-Avvent jibda erbat iħdud _____________________________________.
8. Fl-ewwel parti tal-quddiesa ____________________________________.
9. It-tqarbin jurina ___________________________________________.
10. Ġesù Kristu hu t-tieni persuna ___________________________________.

(10 marki)

**D Ikteb "Veru", jew "Mhux veru", ħdejn dawn is-sentenzi.**

1. Ġesù ġie fid-dinja u sar wieħed minna. __________
2. Biex nitqarbnu sewwa rridu li f'qalbna nkunu ħbieb ta' kulħadd. __________
3. Fl-Avvent il-qassis jilbes l-aħmar waqt il-quddies. __________
4. Il-festa tal-Maġi turina li Ġesù ġie għall-bnedmin kollha. __________
5. Ġesù qalilna li l-bniedem jgħix bil-ħobż biss. __________
6. Aħna nħejju ruħna għall-festa tal-Għid bit-talb u l-karità. __________
7. L-ikbar festa tal-Knisja Kattolika hi l-festa tal-parroċċa. __________
8. Ġesù għażel lil San Pietru għax qatt ma għamel dnub. __________
9. Ġesù wriena li f'Alla hemm tliet persuni. __________
10. Meta ngħidu "Amen" inkunu qed ngħidu li nemmnu dak li smajna. __________

( 10 marki)

**E Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Kien il-Ħadd fil-għodu kmieni. Marija Madalena u nies twajba oħra marru ħdejn il-qabar ta' Ġesù u ħadu magħhom xi fwejjaħ biex jidilku l-ġisem mejjet ta' Ġesù. Iżda f'daqqa waħda ħadu qatgħa kbira. L-art theżhżet u lemħu anġlu mimli dawl nieżel mis-sema. Dan gerbeb il-ġebla tal-qabar u qagħad fuqha. L-għassiesa twerwru mhux ftit, u l-anġlu qal lin-nisa, "M'għandkomx għalfejn tibżgħu. Naf li qegħdin tfittxu lil Ġesù li kien mislub. M'hux hawn, għax qam kif kien qal. Ejjew araw b'għajnejkom il-post fejn kien midfun." (*par.1)*

Pietru wkoll ġie u daħal fil-qabar. Hu mexa sa ġewwa u ra l-faxex u l-maktur li d-deffiena kienu dawru ma' rasu. Il-maktur kien mitwi għalih. Ilkoll stagħġbu ħafna iżda issa setgħu jifhmu li Ġesù kien żamm kelmtu magħhom u qam kif kien qal. ***(par. 2)***

Marija Madalena f'xi ħin meta kienet hemm tibki, għax ħasbet li serqulha 'l Ġesù, dawret wiċċha u lemħitu. Ma kellux dmija aktar, kien sabiħ bħal qabel. Għall-ewwel ma ntebħitx li kien hu. "Lil min qiegħda tfittex? Għaliex qiegħda tibki?" qalilha Ġesù. Marija ħasbitu l-ġardinar u qaltlu biex jekk kien hu li ħa lil Ġesù jgħidilha fejn qiegħdu u hi tmur iġġibu lura. Ġesù sejħilha, "Marija!" u hi weġbitu, "Imgħallem!" Issa għarfitu sewwa u ferħet ferħ bla qies. "La tmissnix," qalilha bil-ħlewwa, "għax għadni ma mortx fis-sema għand Missieri. Mur għid lil kulħadd li se nitla' għand Missieri u Missierkom, għand Alla tiegħi u Alla tagħkom!" U hi, ferħana se ttir, marret tiġri għand id-dixxipli u qaltilhom b'din l-aħbar. Rajt lill-Mulej, tassew, rajt lill-Mulej!" tennitilhom. ***(par. 3)***

(adattat minn "*L-Istorja ta' Ġesù" ta' Oliver Friggieri)*

**Kompli dawn is-sentenzi:**

1. Marija Madalena u xi nisa twajba marru ħdejn il-qabar biex ________________
________________________________________________________ . (par.1)

2. Meta Pietru daħal fil-qabar ta' Ġesù ra ________________________________
________________________________________________________ . (par. 2)

**Agħmel sinjal taħt it-tajba:**

3. Marija Madalena u n-nies tajba beżgħu (par. 1):
   (a) Għax raw li Ġesù jqum mill-mewt.
   (b) Għax kienu jibżgħu ħdejn l-oqbra.
   (ċ) Għax raw dawl kbir mis-sema.

4. Marija Madalena kienet tibki (par. 3):
   (a) Bil-qatgħa li ħadet meta tgerbet il-ġebla.
   (b) Għax beżgħet mill-anġlu.
   (ċ) Għax ħasbet li lill-Ġesù kienu serquh.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

5. F'liema festa tas-sena tal-Knisja nfakkru din l-istorja? ____________________
6. Liema kienet l-aħbar li l-anġlu qal lin-nisa twajba? ________________________
7. Għaliex il-biki ta' Marija Madalena nbidel f'ferħ kbir? _____________________

   ________________________________________________________________
8. Għaliex hu importanti ħafna li Ġesù qam mill-mewt? _____________________

   ________________________________________________________________
9. Xi jfisser il-blandun li nixegħlu fil-lejl tal-Għid? ___________________________
10. Kif niċċelebraw din il-ġrajja fil-festi u matul is-sena? ______________________

(10 marki)

**F F'liema festa. . .**

1. Niftakru fit-twelid ta' Ġesù Bambin. _________________________
2. Infakkru l-martirju ta' l-akbar żewġ appostli. _______________________
3. Nifirħu fit-tlugħ fis-sema tal-Madonna. ____________________________
4. Niftakru fit-twelid ta' Marija Ommna. _______________________________
5. Niftakru fit-twelid tal-Knisja ta' Ġesù f'Malta bil-ħidma ta' San Pawl.

   ____________________
6. Infakkru meta Ġesù bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja.

   ____________________
7. Nagħtu qima lill-qaddisin kollha. _____________________________
8. Nifirħu bir-rebħa ta' Ġesù fuq il-mewt u d-dnub. ________________________
9. Niftakru fil-Passjoni u l-mewt tal-Feddej. ______________________________
10. Infakkru t-tnissil bla tebgħa ta' Marija. ___________________________

(10 marki)



**Ġ Aqra din l-istorja, aħseb dwarha u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Meta s-sur Zammit beda jagħmel ir-reġistru, Amanda Abela marret ħdejn l-għalliem u tagħtu envelopp.

“Dan iċ-ċertifikat ta’ Simon Theuma” qalet Amanda, “qaltlek il-mamà tiegħu tiġi tkellmek il-ġimgħa d-dieħla.”

Is-sur Zammit fetaħ l-envelopp, sab ċertifikat u bħal inħasad. “Min joqgħod ħdejn Simon?” staqsa s-ser.

Amanda għolliet idha u qalet lis-sur Zammit li fil-jum ta’ qabel kienu ħadu lil Simon l-isptar. Xi wħud mill-klassi skantaw għax ma kinux jafu li Simon kien korra. Għajnejn kulħadd daru fuq Amanda. “Waqa’ x’ħin kien qed jixxabbat fil-wied. Sabu kaċċatur u ħadu jiġri l-isptar. Ommu ħadet qatgħa kbira. Dak għandu tliet ħutu żgħar u ommu ma tistax toqgħod miegħu l-isptar.”

“Issa kif inhu?” staqsa Jean Paul.

“Ommu qaltli li għalissa aħjar ma mmorrux narawh”, kompliet Amanda, “imma forsi l-ġimgħa d-dieħla taħseb li nkunu nistgħu mmorru.”

“Tagħmlu sewwa jekk tmorru tarawh,” qal is-sur Zammit. “Aħna rridu nkunu xhieda ta’ Ġesù. Ġesù kien iħobb lill-morda u kien ifittixhom biex ifejjaqhom. Tridx naraw kif nistgħu ngħinu lil Simon.”

F’daqqa waħda t-tfal bdew jgħollu jdejhom u kulħadd beda jgħid kif setgħu jgħinu lil Simon.

Joseph kien fil-*wheel chair* ħdejn il-*facilitator*. Hu xtaq jgħolli jdejh biex jgħin lil Simon, imma minħabba d-diżabilità tiegħu ħaseb li ma jistax jgħin. Imbagħad il-*facilitator* qaltlu xi ħaġa f’widnejh, u Joseph ukoll għolla subgħajh.

Dak in-nhar stess is-sur Zammit mar l-isptar biex jara lil Simon. Sabu muġugħ, imma meta qallu kemm sħabu kienu jħobbuh u kemm kienu lesti jgħinuh wiċċ Simon inbidel. Il-marid, ħares lejn is-sur Zammit u qallu minn taħt l-ilsien, “Grazzi, ser!”

1. Kieku int kont fil-klassi tas-sur Zammit, tista’ tagħti tliet suġġerimenti kif kont tgħin lil Simon?

a) ______________________________

b) ______________________________

ċ) ______________________________

2. Ġesù kien ifittex lill-morda biex ifejjaqhom. Semmi żewġ mirakli ta’ fejqan li għamel Ġesù.

a) ______________________________

b) ______________________________

3. Ġesù waqqaf sagrament speċjali għall-morda. Liema hu?

______________________________

4. Kif seta' Joseph jgħin lil Simon? Agħti żewġ eżempji.

a) ______________________________

b) ______________________________

5. It-tfal tal-klassi tas-sur Zammit setgħu jgħinu ukoll lil omm Simon. Agħti żewġ eżempji.

a) ______________________________

b) ______________________________

(10 marki)

**G Ġesù ried li l-insara jkunu xhieda tiegħu fid-dinja. Aqra sewwa dawn is-sentenzi u ikteb jekk dawn it-tfal kinux xhieda ta' Kristu jew le.**

Eżempju: Marija tmur il-knisja u tisma' l-quddiesa qabel tmur l-iskola. Iva

1. Toni qal gidba fuq sieħbu lis-surmast. _______
2. Tommy jmur jara lin-nanna tiegħu l-isptar. _______
3. Katya tieħu l-flus mill-portmoni ta' ommha bla ma tgħidilha. _______
4. Jane tgħin lil sħabha fil-*homework*. _______
5. Simon imur il-bandli flok imur id-dutrina. _______
6. Paul joffri minn dak li jkollu lil dawk li ma jkollhomx. _______
7. Marlene ma ridetx li s-surmast jikkastiga lit-tifel li sawwatha. _______
8. Silvana tħobb tivvinta stejjer fuq sħabha tal-klassi. _______
9. Ivan ħażżeż fuq il-*project* ta' tifel ieħor . _______
10. Claire twassal il-*homework* lil tifla oħra li qiegħda marida d-dar. _______

(10 marki)



**Għ Kompli dawn is-sentenzi.**

1. Nhar ta' Ħadd l-insara obbligati li ______________________________ u ______________________________ .
2. L-ewwel parti tal-quddiesa nsejħulha ______________________________ .
3. ______________ hu l-aħbar it-tajba ta' Ġesù.
4. Il-Bibbja hi ktieb speċjali għax ______________________________ .
5. Meta nqerru nerġgħu nsiru ħbieb ______________________________ .
6. Biex nobdu l-Kmandamenti hemm bżonn li nħobbu lil ______________ u lil ______________ .
7. Fil-Magħmudija aħna nsiru ______________________________ u ______________________________ .
8. It-tqarbin hu sagrament tal-għaqda għax ______________________________ .
9. Waqt il-quddiesa lil Alla noffrulu ______________________________ tagħna.
10. Fil-quddiesa l-ħobż u l-inbid isiru ______________________________ .

(10 marki)

**H Taf x'jisimni jien?**

1. Jien għammidt lil Ġesù fix-xmara. ______________________________
2. Jien sellimt lil Marija u għedtilha "Imbierka inti fost in-nisa" ______________
3. Jien kont l-ewwel Isqof ta' Malta ______________________________
4. Jien ikkundannajt lil Ġesù għall-mewt ______________________________
5. Meta rajt lil Ġesù wara l-qawmien għedtlu "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" ______________________
6. Jien omm Ġesù ______________________________
7. Jien ħabbart lil Marija li kellha ssir omm Alla. ______________________________
8. Jien dak il-profeta li ħabbart li Ġesù kellu jitwieled f'Betlem. ______________
9. Jien smajt lil Alla jkellimni f'tempesta. ______________________________
10. Jien ir-Ragħaj it-Tajjeb li jħaddan in-nagħġa li ntilfet. ______________________

(10 marki)